10 ta' Jannar, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija** *versus* Carmelo Armeni

**Ħobż tar-Razzjon — Bejgħ bl-Użin — Art. 36 tar-Rationing Regulations ta' l-1948 — Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 640 ta' l-1948.**

***Id-dispost tal-liġi li jipprojbixxi l-bejgħ tal-ħobż tar-razzjon mingħajr użin, għandu jiġi nterpretat fis-sens illi l-użin għandu jsir fil-mument tal-bejgħ tal-ħobż u tal-konsenja tiegħu lix-xerrej; u mhux biżżejjed li l-ħobż ikun ġie miżun fil-forn fejn ġie manifatturat.***

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' **Malta** tas-17 ta' Novembru 1952, l-imsemmi Armeni ġie misjub ħati talli biegħ ħobż tar-razzjon mingħajr użin, u kundannat għall-multa ta' £7;

L-imputat appella minn din id-deċiżjoni, u talab ir-revoka tagħha u li jiġi assolt;

Trattat l-appell, dina l-Qorti kkunsidrat;

Fuq il-fatti ma hemmx kwistjoni, illi, ċjoè, l-appellant kien qiegħed ibiegħ ħobż tar-razzjon bla ma jiżnu fil-mument tal-bejgħ;

Is-sottomissjoni tad-difiża hija li l-liġi ma timponix ebda obligu li l-ħobż jintiżen fil-waqt tal-bejgħ, u li fil-fatt il-bejgħ sar bi prezz regolat fuq l-użin, u li l-ħobż jintiżen minn qabel fil-forn ta' missier l-appellant. L-art. 36 tar-Rationing Regulations (640/48), igħid hekk:— "All bread produced for the ration shall be sold by weight";

Issa, il-kliem "by weight" ċertament ifissru li l-ħobż għandu jiġi miżun. L-appellant igħid li l-liġi ma tgħidx li għandu jiġi miżun fil-waqt tal-konsenja. Dan hu veru biss fis-sens li l-liġi ma tużax preċiżament dawk il-kliem; imma l-liġi indikat b'kelma oħra, ugwalment ċara, għal liema mument qiegħda tirriferixxi meta qalet li l-ħobż tar-razzjon għandu jiġi miżun. Infatti l-liġi użat il-kelma "sold", u kwindi neċessarjament kienet qiegħda tirriferixxi għal waqt tal-bejgħ. Bl-ebda sforz ta' l-immaġinazzjoni ma jistgħu l-kliem "shall be sold by weight" ifissru ħaġa oħra ħlief li l-ħobż tar-razzjon għandu jintiżen fil-mument tal-bejgħ. Ma hemmx assolutament ebda raġuni biex wieħed jittraskura s-sinifikat naturali u loġiku ta' dawk il-kliem biex jikkonkludi, kif irid jikkonkludi l-appellant, li biżżejjed li l-ħobż jintiżen fil-forn; dan apparti li l-użin tal-ħobż fil-forn qabel il-furnata, u l-kalkoli approssimattiv li skond ix-xhieda ta' l-appellant jsiru, wara l-furnata, biex jiġu regolati d-differenzi fl-użin segwitu għall-furnata, kollox mhux fil-preżenza tal-konsumatur jew tax-xerrej, ma joffru ebda affidament għal dawn ta' l-aħħar, u jistgħu jinnewtralizzaw is-sistema tar-razzjonament u d-distribuzzjoni regolari li kellu fi ħsiebu l-leġislatur meta ddetta r-regolamenti fuq ċirati;

Għalhekk ma hemm ebda raġuni biex tiġi mbiddla l-pronunzja tal-Maġistrat;

Għaldaqstant tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Żmien għall-ħlas tal-multa sitt jiem mil-lum.